MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tas-26 ta' Mejju, 2010

Talba Numru. 376/2010

**GO p.l.c.**
**(C – 22334)**

**vs**

**Mary Debono (I.D. 874053M) u**
**Angie Debono (I.D. 508982M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta’ attrici talbet lill-konvenuti l-hlas tas-somma ta’ hames mija u sitta u erbghin ewro u disgha u disghin centezmi (€546.99), in konnessjoni ma’ servizz ta’ kommunikazzjoni bl-akkont numru 10207852 skont diversi kontijiet mibghuta lilhom, skont id-dokumenti annessi mal-avviz tat-talba:

IZY 1 prospett ghas-servizz relattiv
IZY 2 ftehim dwar is-servizz relattiv

Illi l-konvenuti gew interpellati diversi drabi sabiex jghaddu ghall-hlas izda baqghu inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet legali, kontra l-konvenuti li gew ingunti in subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuti gew debitament notifikati bl-Avviz, ma kkontestawx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehru ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra n-nota ta’ riduzzjoni tas-socjeta’ kummercjali GO p.l.c.pprezentata fid-9 ta’ April, 2010.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenuti naqsu li jidhru sabiex jirrisponduh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenuti ihallsu s-somma ta’ erba’ mija u sitta u erbghin ewro u disgha u disghin centezmi (€446.99), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------